MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 2340/2004

**Middlesea Insurance plc bhala l-assikuratrici ta' Maja Brown**

**Vs**

**Suzanne Ciantar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` sitt mija u hdax-il lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm611.37c) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 ta` Mejju, 2004 fejn il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni SUE 522 u habtet mal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni KBF 349 appartenenti lill-assigurata tas-socjeta` attrici. Illi l-incident awtomobilistiku sehh

unikament minhabba nuqqas ta` tharis ta` regolamenti tat-traffiku u negligenza tal-konvenuta. Illi di piu s-somma ndikata u danni tinkludi l-ammont ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rapprezentanti *excess* imhallas mill-attrici debitament rapprezentata (Maja Brown) fir-rigward ta` din il-kawza.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda billi l-incident gara tort ta` Maja Brown li saqet *wrong side*.

Sema` x-xhieda ta` Edward Pace Balzan, Warden 147 Ronnie Azzopardi, Maja Brown u ta` Suzanne Ciantar.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Lara Lanfranco ghas-socjeta` attrici u ta` Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Maja Brown kienet qeghda ssuq fi Triq il-Hawt, Swieqi u l-konvenuta kienet qeghda ssuq fi Triq il-Giebja, Swieqi. Dawn iz-zewg toroq isallbu lil xulxin izda minfejn kienet gejja l-konvenuta hemm *stop sign*. Iz-zewg vetturi baqghu hergin u b'hekk sehhet il-kollizjoni fix-xewka ta` salib it-toroq.

L-atturi qeghdin isostnu illi l-kollizjoni sehhet ghaliex il-konvenuta harget minn fuq l-i*stop sign* minghajr ma waqfet izda l-konvenuta qeghda ssostni illi l-kollizjoni sehhet b'responsabbilta` ta` l-attrici u dan billi hija abbuzat mid-dritta taghha u inoltre, meta harget minn Triq il-Hawt kienet *wrong side* u b'hekk il-konvenuta ma setghetx tara.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti jirrizulta car u ben pruvat illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet esklussivament ghaliex il-konvenuta harget minn fuq l-i*stop sign* minghajr ma waqfet u minghajr ma hadet prekawzjonijiet xierqa sabiex taccerta ruhha li hija tista` tohrog minn Triq il-Giebja liberament u minghajr ebda ostakolu ghat-traffiku li kellu d-dritta.

It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenuta verament waqfet fuq l-i*stop sign* u lanqas m'hu sodisfatt li hija bil-fors kellha tohrog u tisporgi 'l barra biex tkun tista` tara t-traffiku li jkun gej mit-toroq l-ohra. Fil-lokal in kwistjoni hemm *splay* u ghalhekk b'rizultat ta` din il-kisra fil-kantuniera, l-vizwali tal-konvenuta, kieku hija waqfet fl-i*stop sign,* kienet tkun sufficjenti sabiex tesplora t-triq sew qabel ma tohrog.

Ghar-rigward tal-possibbli abbuz tad-dritta ta` l-attrici, l-isketch esebit a fol 46 tal-process jaghti l-impressjoni illi l-karozza bin-numru ta` registrazzjoni KBE 349 kienet *wrong side*. Izda meta dan it-Tribunal ezamina l-kejl indikat fuq l-isketch u pparaguna l-kejl hemm indikat ma` l-isketch stampat li jinsab a fol 49 tal-process, jirrizulta illi fil-fatt huwa l-isketch stampat li huwa aktar fidil u minn dan l-ahhar sketch jidher car illi effettivament il-konvenuta kienet *on the crown of the road* u ma kienetx *wrong side*. Hija kienet ben vizibbli ghat-traffiku li jkun gej minn Triq il-Giebja u ghalhekk il-konvenuta ma kellha l-ebda skuza biex tghid li ma setghetx tara l-vettura misjuqa mill-attrici.
Ghar-rigward tas-sewqan ta` l-attrici, hija ssostni illi qabel l-incident hija lemhet il-vettura tal-konvenuta u naqset l-ispeed bhala prekawzjoni izda billi hija kienet taf li kellha d-dritta baqghet issuq. Hija ndunat pero` tghid illi l-konvenuta flok ma waqfet hdejn l-i*stop sign*, accellerat biex tipprova tghaddi minn quddiemha u b'hekk ghafset il-*brake* u halliet seba` metri *brake marks* izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal jirrileva illi l-fatt li l-konvenuta ma hallietx *brake marks* hu tassew relevanti fis-sens illi dan jaghti krettu ghall-verzjoni ta` l-attrici fis-sens illi kieku verament il-konvenuta kienet issuq b'mod prudenti, certament kienet taghfas il-*brake* u kienet thalli xi forma ta` sinjal ta` *brake marks*. Il-fatt li ma halliet l-ebda *brake marks* ifisser li fil-mument li sehh l-incident hija verament kienet qeghda ssuq biex tipprova tiskapula u tghaddi minn quddiem il-vettura ta` l-attrici, liema attrici wara kollox kellha d-dritta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kawza esklussiva tal-kollizjoni kien is-sewqan totalment imprudenti u negligenti tal-konvenuta li minn barra li ma waqfitx fl-i*stop sign* u m'esploratx sew it-triq qabel ma harget, hija totalment abbuzat mill-pozizzjoni taghha billi sahansitra ppruvat tiehu d-dritta meta fil-fatt ma kellhiex dritt simili.

Illi tenut kont dawn il-fatturi, r-responsabbilta` unika w esklussiva hija mputabbli ghall-konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, mix-xhieda ta` Edward Pace Balzan jirrizulta illi d-danni totali huma hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm565.37c) u ghalhekk huma dawn id-danni li ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta.

L-ammont mitlub huwa ftit aktar mill-ammont hawn likwidat izda stante li d-differenza hija zghira, t-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm565.37c) bl-ispejjez u bl-interessi mill-11 ta` Mejju, 2005 (data li fiha l-konvenuta dahlet ir-Risposta) sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------